# Jintemm b'suċċess proġett edukattiv iffinanzjat mill-programm tal-UE Erasmus+ u jibda ieħor ġdid

## Ikompli l-vjaġġ ta' BirdLife Malta biex tiżviluppa l-aqwa programmi ta' edukazzjoni ambjentali

Snin ilu BirdLife Malta ħarġet bl-idea oriġinali u innovattiva li tiżviluppa u twettaq programm ta' edukazzjoni ambjentali skont l-aħjar prattiċi f'dan il-qasam. Bis-saħħa ta' dan, BirdLife Malta rnexxielha ssir pijunier fil-qasam tat-tagħlim fuq barra f'Malta u ħalliet impatt pożittiv fuq eluf ta' tfal, żgħażagħ u adulti madwar l-Ewropa kollha. Il-proġett kien jismu 'Lifelong Learning through Nature' (LLN).

F'Settembru 2014, BirdLife Malta telqet fuq vjaġġ ta' tliet snin li matulu esplorat kif tista' tirriċerka u tiżviluppa metodi ġodda kif tressaq in-nies eqreb lejn in-natura. Permezz tal-proġett Lifelong Learning through Nature kien żviluppat netwerk b'saħħtu ma' msieħba mill-Polonja, l-Irlanda u r-Renju Unit taħt il-kappa tal-familja ta' BirdLife International. Din is-sħubija inkludiet ukoll lill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol ta' Malta, li l-appoġġ tiegħu kien vitali biex ġew introdotti programmi ġodda tal-edukazzjoni fuq skala nazzjonali f'Malta.

Tul it-terminu tal-proġett l-imsieħba żviluppaw programmi ġodda għal katetoriji differenti: għas-Snin Bikrija (0-5 snin), għall-iskejjel Primarji u Sekondarji, għat-Taħriġ tal-Għalliema, u għall-Gruppi taż-Żgħażagħ ta' kull età. Ġew ospitati wkoll għadd kbir ta' attivitajiet għall-pubbliku. Riċerka li saret minn Dr Mark Mifsud mill-Università ta' Malta fuq l-impatt tal-edukazzjoni ambjentali wriet li teżisti ħtieġa qawwija li l-Maltin iżidu l-kuntatt tagħhom man-natura għax dan iġib miegħu vantaġġi fiżiċi u titjib fis-saħħa mentali. Dan jgħodd aktar u aktar għal dawk li jgħixu f'zoni urbani.

Il-proġett Lifelong Learning through Nature ġie fi tmiemu fil-31 ta' Awwissu 2017 b'attività ta' ċelebrazzjoni fir-Riserva Naturali tas-Salina.

Madanakollu, il-vjaġġ ta' BirdLife Malta biex tkompli tiżviluppa l-aqwa programmi ta' edukazzjoni ambjentali ma jintemmx hawn. Anzi jkompli bil-proġett ġdid 'One World Learning' iffinanzjat mill-programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+. Dan il-proġett għandu l-mira li jippromwovi d-diversità, iċ-ċittadinanza, it-tagħlim tal-lingwi, ix-xjenza integrata, it-*team work* u l-abbiltà li naħsbu b'mod kritiku f'kuntest ambjentali għat-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti.

L-iskop aħħari tiegħu hu li jqanqal tibdil fl-attitudni li jwassal biex ikollna individwi u komunitajiet aktar inklussivi u responsabbli mil-lat ambjentali. Il-proġett One World Learning għandu jiżviluppa wkoll mudell ta' programmi ta' edukazzjoni ambjentali li mbagħad jintuża mill-pajjiżi msieħba l-oħra.

Bis-saħħa ta' proġetti bħal dawn, Malta saret u se tkompli dejjem aktar issaħħaħ lilha nnifisha bħala ċentru ta' eċċellenza fil-qasam tal-edukazzjoni ambjentali fuq livell internazzjonali. Aħna nemmnu b'konvinzjoni li l-kuntatt regolari man-natura huwa dritt ta' kull membru tas-soċjetà – sew jekk inhuma t-tfal, iż-żgħażagħ jew l-adulti – għax iwassal biex ikollna ċittadini responsabbli li jirrispettaw l-ambjent ta' madwarhom, minbarra li fl-istess ħin iħalli impatt pożittiv fuq is-saħħa u l-benesseri ta' kulħadd.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Il-proġett 'Lifelong Learning through Nature' ta' BirdLife Malta
http://www.birdlifemalta.org/lln
http://birdlifemalta.org/education/lln-2

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/dxIz2pngha**

- Għażla ta' ritratti miċ-ċelebrazzjoni tal-għeluq tal-proġett LLN li saret fis-Salina (Ritratti ta' Veerle van Werde)

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/nyxQxTTskO**

- Filmat taċ-ċelebrazzjoni tal-għeluq tal-proġett LLN li saret fis-Salina (Filmati u muntaġġ ta' Veerle van Werde)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna